Nru. 17,834
Prezz Lm1.76c
Price Lm1.76c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru, 2005
Friday, 28th October, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1082

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ħamis, is-27 ta' Ottubru, 2005 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1080 tas-26 ta' Ottubru, 2005 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Is-27 ta' Ottubru, 2005
(OPM 1/2005/II)

Nru. 1083

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (AWDITJAR INTERN U INVESTIGAZZJONIJIET)

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr George P. Gafà, FIA CPA (Practicing Certificate in Auditing) Dip.Bus.Mangmt. MIM ABIM FCSA	Direttur *Director*	Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet *Internal Audit and Investigations Directorate*	24–30.10.05

It-28 ta' Ottubru, 2005

GOVERNMENT NOTICES

No. 1082

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister and Minister of Finance on Thursday, 27th October, 2005 and that the arrangements made by Government Notice No. 1080 of the 26th October, 2005, ceased to have effect accordingly.

27th October, 2005

No. 1083

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INTERNAL AUDIT AND INVESTIGATIONS DIRECTORATE)

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

28th October, 2005

Nru. 1084

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI

Bord ta' l-Appelli

SKOND l-artikOlu 32 ta' l-Att XXV ta' l-2000 dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Infrastruttura ħatar il-membri tal-Bord ta' l-Appelli. Il-ħatra hi għal perjodu ta' sena b'seħħ mill-1 ta' Settembru 2005.

Chairman
Dott. Richard Galea Debono, LL.D.

Membri
Ms Bernardette Balzan, B.A. (Hons), Accountancy, C.P.A.A., F.I.A.
Inġ. Anthony Cachia, B.Mech. Eng. (Hons)

Segretarju
Is-Sur John Grech

It-28 ta' Ottubru, 2005

No. 1084

MALTA RESOURCES AUTHORITY

Appeals Board

IN terms of Section 32 of the Malta Resources Authority Act XXV of 2000, the Minister for Resources and Infrastructure has appointed the members of the Appeals Board. The appointment is for a period of one year with effect from 1st September 2005.

Chairman
Dr Richard Galea Debono, LL.D.

Members
Ms Bernardette Balzan, B.A. (Hons), Accountancy, C.P.A.A., F.I.A.
Eng. Anthony Cachia, B.Mech. Eng. (Hons)

Secretary
Mr John Grech

28th October, 2005

Nru. 1085

KUMITAT GĦAR-RIJABILITAZZJONI TAL-KOTTONERA

NGĦARRFU li l-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera nħatar mill-ġdid kif ġej għall-perjodu ta' sena b'seħħ mit-2 ta' Awissu 2005.

Chairman
Is-Sur Paul Vella Chritien

Deputat Chairman
Il-Perit Chris Spiteri, B.E.&A. (Hons), M.Sc., (Edin), A&CE

Membri
Is-Sur Charles D'Alfonso
Is-Sur Mario Farrugia
Il-Perit Anthony Abela
Is-Sur Maurice V. Debono, B.Pharm. B.Sc., Spec. (London), M. Inst. P.
Is-Sur Michael Cohen
Is-Sur Lorenzo Zahra
Is-Sur Mark Lombardo
Ms Charmaine Gerada

No. 1085

COTTONERA REHABILITATION COMMITTEE

IT is notified that the Cottonera Rehabilitation Committee has been reconstituted as follows for a period of one year with effect from 2nd August 2005.

Chairman
Mr Paul Vella Chritien

Deputy Chairman
Arch. Chris Spiteri, B.E.&A. (Hons), M.Sc., (Edin), A&CE

Members
Mr Charles D'Alfonso
Mr Mario Farrugia
Arch. Anthony Abela
Mr Maurice V. Debono, B.Pharm. B.Sc., Spec. (London), M. Inst. P.
Mr Michael Cohen
Mr Lorenzo Zahra
Mr Mark Lombardo
Ms Charmaine Gerada

Is-Sur Lawrence Farrugia
Is-Sur Joseph Casha
Is-Sur John Boxall
Is-Sur Joseph Scerri
Is-Sur Joseph Carbonaro
Is-Sur James Cauchi
Is-Sur Charles Bonello
Ms Maria Sultana
Is-Sur Martin Scicluna

Segretarju/Koordinatur Eżekuttiv
Dott. Ray Bondin, B.A. (Hons), M.A. Bar. Stud., Ph.D.

It-28 ta' Ottubru, 2005

Mr Lawrence Farrugia
Mr Joseph Casha
Mr John Boxall
Mr Joseph Scerri
Mr Joseph Carbonaro
Mr James Cauchi
Mr Charles Bonello
Ms Maria Sultana
Mr Martin Scicluna

Secretary/Executive Coordinator
Dr Ray Bondin, B.A. (Hons), M.A. Bar. Stud., Ph.D.

28th October, 2005

Nru. 1086

KUMITAT GĦAR-RIJABILITAZZJONI TA' L-IMDINA

NGĦARRFU li l-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni ta' l-Imdina nħatar mill-ġdid għall-perjodu ta' sena b'seħħ mit-2 ta' Awissu 2005.

Chairman
Il-Prof. Dennis De Lucca, B.A. (Arch), B. Arch. (Hons), F.A.S.I., A & C.E.

Deputat Chairman
Is-Sur Peter Joseph Dei Conti Sant Manduca

Membri
Is-Sur Richard Cachia Caruana, B.A. (Hons) (Econ.), M.A., M.C.I.M.
Is-Sur Mario Galea Testaferrata
Is-Sur Francis Tabone
Is-Sur Lino Callus
Is-Sur Stefan Bartolo
Is-Sur Martin Scicluna
Ir-Rev. Mons. Ġwann Azzopardi
Il-Perit Emanuel Buttigieg
Ms Davinia Camilleri

Segretarju/Koordinatur Eżekuttiv
Dott. Ray Bondin, B.A. (Hons.), M.A. Bar. Stud., Ph.D.

It-28 ta' Ottubru, 2005

No. 1086

MDINA REHABILITATION COMMITTEE

IT is notified that the Mdina Rehabilitation Committee has been reconstituted for a period of one year with effect from 2nd August 2005.

Chairman
Prof. Dennis De Lucca, B.A. (Arch), B. Arch. (Hons), F.A.S.I., A & C.E.

Deputy Chairman
Mr Peter Joseph Dei Conti Sant Manduca

Members
Mr Richard Cachia Caruana, B.A. (Hons) (Econ.), M.A., M.C.I.M.
Mr Mario Galea Testaferrata
Mr Francis Tabone
Mr Lino Callus
Mr Stefan Bartolo
Mr Martin Scicluna
Rev. Mgr. Ġwann Azzopardi
Arch. Emanuel Buttigieg
Ms Davinia Camilleri

Secretary/Executive Coordinator
Dr Ray Bondin, B.A. (Hons.), M.A. Bar. Stud., Ph.D.

28th October, 2005

Nru. 1087

KUMITAT GĦAR-RIJABILITAZZJONI TAL-BELT VALLETTA U L-FURJANA

NGĦARRFU li l-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Belt Valletta u l-furjana nħatar mill-ġdid għall-perjodu ta' sena b'seħħ mill-1 ta' Settembru 2005.

Chairman
Il-Perit Conrad Buhagiar, B.E.&A., Dip. Arch., Rest. (Rom), A. & C.E.

Deputat Chairman
Is-Sur Joseph Borda

Membri
Is-Sur Martin Scicluna
Ms Miriam Cremona
Il-Perit Joseph Briffa, B.Arch., A. & C.E.
Is-Sur Mario Farrugia
Dott. Paul Borg Olivier, LL.D.
Is-Sur Noel Galea Bason
Is-Sur Charles Camilleri
Il-Perit Ray Farrugia
Is-Sur Melvyn Mangion
Ms Connie Holland

Segretarju/Koordinatur Eżekuttiv
Dott. Ray Bondin, B.A. (Hons.), M.A. Bar. Stud., Ph.D.

It-28 ta' Ottubru, 2005

No. 1087

VALLETTA AND FLORIANA REHABILITATION COMMITTEE

IT is notified that the Valletta and Floriana Rehabilitation Committee has been reconstituted as follows for a period of one year with effect from 1st September 2005.

Chairman
Arch. Conrad Buhagiar, B.E.&A., Dip. Arch., Rest. (Rom), A. & C.E.

Deputy Chairman
Mr Joseph Borda

Members
Mr Martin Scicluna
Ms Miriam Cremona
Arch. Joseph Briffa, B.Arch., A. & C.E.
Mr Mario Farrugia
Dr Paul Borg Olivier, LL.D.
Mr Noel Galea Bason
Mr Charles Camilleri
Arch. Ray Farrugia
Mr Melvyn Mangion
Ms Connie Holland

Secretary/Executive Coordinator
Dr Ray Bondin, B.A. (Hons.), M.A. Bar. Stud., Ph.D.

28th October, 2005

Nru. 1088

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Il-Kumitat ta' Konsulenza dwar il-Patrimonju

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 5(8)(d) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356) kif emendat bl-Artikolu 57 (d) ta' l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445), il-Ministru għat-Turiżmu u Kultura u l-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ħatru l-Kumitat ta' Konsulenza dwar il-Patrimonju magħmul minn żewġ taqsimiet, taqsima minnhom titratta dwar il-Patrimonju Kulturali u t-taqsima l-oħra titratta dwar il-Patrimonju Naturali. It-Taqsima li titratta dwar il-Patrimonju Kulturali tiskadi fid-29 ta' Mejju 2006 filwaqt li t-Taqsima li titratta dwar il-Patrimonju Naturali tiskadi fl-10 ta' Ottubru 2006.

No. 1088

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Heritage Advisory Committee

IN virtue of the powers granted by Section 5(8)(d) of the Development Planning Act (Cap. 356) as amended by Article 57(d) of the Cultural Heritage Act (Cap. 445), the Minister for Tourism and Culture and the Minister for Rural Affairs and the Environment appointed the Heritage Advisory Committee made up of two panels, the Cultural Heritage Panel and the Natural Heritage Panel. The Cultural Heritage Panel will expire on the 29th May 2006 while the Natural Heritage Panel will expire on the 10th October 2006.

Iż-żewġ taqsimiet huma magħmul kif ġej:

Taqsima dwar il-Patrimonju Kulturali

Dott. Albert Ganado, MOM, KM, LL.D., BA (Chairperson)
Dott. Ray Bondin, BA (Hons), MA (Bar.Stud), Ph.D.
Is-Sur Konrad Buhagiar, B.E.&A. (Hons), Dip. Cons (Rome), A.&C.E.
Ms Cynthia Degiorgio, MA Baroque Studies
Il-Perit Michael Ellul, M.Q.R., B.E.&A. (Hons), Dip. Arch. (Rome), F.R. Hist.S. (London), A.&C.E.
Patri Gino Gauci
Il-Perit Marie Louise Musumeci, A&CE

Taqsima dwar il-Patrimonju Naturali

Is-Sur David Dandria, B.Sc. (Hons.) A.R.C.S. (Chairman)
Is-Sur Joe Bondin, B.E.&A. (Hons), A.&C.E.
Dott. Antoine Vella, Ph.D. Agric
Is-Sur Anthony Zammit, BSc (Biology and Chemistry), MSc Biology
Ms Henriette Debono, BSc (Biology and Chemistry), MSc Biology
Ms Antonella Attard Montalto, BSc (Biology and Chemistry), MSc Biology
Is-Sur Mark C. Mifsud, B.Ed (Hons.), P.G.Dip.Env.Mgt., M.Sc., PGCEM, Pg.Cert.EfS., MiBiol, CBiol., MIEEM, CEnv., AMPS

It-28 ta' Ottubru, 2005

The two panels are made up as follows:

Cultural Heritage Panel

Dr Albert Ganado, MOM, KM, LL.D., BA (Chairperson)
Dr Ray Bondin, BA (Hons), MA (Bar.Stud), Ph.D.
Mr Konrad Buhagiar, B.E.&A. (Hons), Dip. Cons (Rome), A.&C.E.
Ms Cynthia Degiorgio, MA Baroque Studies
Mr Michael Ellul, M.Q.R., B.E.&A. (Hons), Dip. Arch. (Rome), F.R. Hist.S. (London), A.&C.E.
Fr Gino Gauci
Ms Marie Louise Musumeci, A&CE

Natural Heritage Panel

Mr David Dandria, B.Sc. (Hons.) A.R.C.S. (Chairman)
Mr Joe Bondin, B.E.&A. (Hons), A.&C.E.
Dr Antoine Vella, Ph.D. Agric
Mr Anthony Zammit, BSc (Biology and Chemistry), MSc Biology
Ms Henriette Debono, BSc (Biology and Chemistry), MSc Biology
Ms Antonella Attard Montalto, BSc (Biology and Chemistry), MSc Biology
Mr Mark C. Mifsud, B.Ed (Hons.), P.G.Dip.Env.Mgt., M.Sc., PGCEM, Pg.Cert.EfS., MiBiol, CBiol., MIEEM, CEnv., AMPS

28th October, 2005

Nru. 1089

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DAN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
70	Trilithon Court Triq il-Kurazza San Pawl il-Baħar	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	19/10/2005

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

It-28 ta' Ottubru, 2005

No. 1089

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
70	Trilithon Court Triq il-Kurazza San Pawl il-Baħar	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	19/10/2005

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

28th October, 2005

Nru. 1090

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
21. 10. 05	Lm5.35c2	9c9
24. 10. 05	Lm5.46c7	10c1
25. 10. 05	Lm5.43c2	10c0
26. 10. 05	Lm5.45c4	10c1
27. 10. 05	Lm5.43c2	10c1

It-28 ta' Ottubru, 2005

No. 1090

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

28th October, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 97

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Baħrija

Nhar is-Sibt, it-12 ta' Novembru 2005 mill-5.00 p.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Dun S. Bianco, is-Sajf ta' San Martin u Misraħ tal-Baħrija.

Nhar il-Ħadd, it-13 ta' Novembru 2005 mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m. minn Misraħ il-Baħrija.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-28 ta' Ottubru, 2005

POLICE NOTICE

No. 97

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Baħrija

On Saturday, 12th November 2005 from 5.00 p.m. to 10.00 p.m. through the following streets: Dun S. Bianco, is-Sajf ta' San Martin and Misraħ tal-Baħrija.

On Sunday, 13th November 2005 from 7.00 a.m. to 7.00 p.m. through Misraħ il-Baħrija.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

28th October, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 61 ta' l-2005

Tlielaq tal-Jet Ski fil-Bajja ta' San Tumas/il-Ġnejna

Bajja ta' San Tumas - Tagħlim dwar Sewqan ta' *jet skis*

Se jsir tagħlim dwar sewqan ta' *jet skis* nhar il-Ħadd, is-6 ta' Novembru 2005 bejn is-1.00 p.m. u l-4.00 p.m. It-tellieqa se ssir fl-inħawi magħluqin b'erba' bagi fil-pożizzjoni:

Pożizzjonijiet *Positions*	Latitude (N) *Latitude (N)*	Longitude (E) *Longitude (E)*
A	35°51'.41	14°34'.57
B	35°51'.09	14°34'.61
C	35°51'.11	14°34'.81
D	35°51'.43	14°34'.66

Fil-każ ta' maltemp it-tlielaq isiru 'l hinn mill-Bajja tal-Ġnejna bejn il-pożizzjonijiet li ġejjin kif muri fiċ-*Chart* Nru. 2.

Pożizzjonijiet *Positions*	Latitude (N) *Latitude (N)*	Longitude (E) *Longitude (E)*
A	35°55'.60	14°20'.11
B	35°55'.62	14°20'.17
C	35°55'.72	14°20'.15
D	35°55'.70	14°20'.06

Ngħarrfu lill-baħħara biex joqogħdu attenti fid-data msemmija hawn fuq u jbaħħru b'kawtela u bil-mod meta jkunu qrib l-inħawi msemmija hawn fuq.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Charts affettwati: BA 2538.

Wieħed jista' jara parti miċ-*charts* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

It-28 ta' Ottubru, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 61 of 2005

Jet Ski Events at St Thomas Bay/Ġnejna Bay

St Thomas Bay - Jet Skis Driving Tuition

Jet - skis driving tuition will be held off St Thomas Bay on Sunday, 6th November 2005 between 1.00 p.m. and 4.00 p.m. The race will be held inside the area enclosed by four buoys in position:

Pożizzjonijiet *Positions*	Latitude (N) *Latitude (N)*	Longitude (E) *Longitude (E)*
A	35°51'.41	14°34'.57
B	35°51'.09	14°34'.61
C	35°51'.11	14°34'.81
D	35°51'.43	14°34'.66

In case of rough weather the races may be held off Ġnejna Bay between positions as per attached Chart No. 2.

Pożizzjonijiet *Positions*	Latitude (N) *Latitude (N)*	Longitude (E) *Longitude (E)*
A	35°55'.60	14°20'.11
B	35°55'.62	14°20'.17
C	35°55'.72	14°20'.15
D	35°55'.70	14°20'.06

Mariners are advised to keep a sharp lookout on the dates mentioned above and to navigate with caution and slow speed when close to the vicinity of the areas mentioned above.

Positions are referred to WGS 84 DATUM.

Charts affected: BA 2538.

Parts of charts can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

28th October, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

***Part-Time Lecturing Staff* - Fond Soċjali Ewropew**

L-MCAST jinħtieġ jingaġġa *part-time lecturing staff* li jkunu jridu jħarrġu adulti fl-oqsma li ġejjin:

Business and Commerce b'riferenza speċifika għal:

Proċeduri ġenerali ta' l-*Accounts*:
Kwalifiki meħtieġa: Ikunu gradwati fil-B.Com. li jkunu speċjalizzaw fl-*Accounts*, BA (Hons.) Accountancy, B.Accty. (Hons.), ACCA jew gradwati fl-MIA. PGCE ikun ta' vantaġġ.

Xogħol b'*Computerised Accounts:*
Kwalifiki meħtieġa: BA (Hons.) Accountancy, B. Accty. (Hons.) jew ikollhom esperjenza ppruvata fit-Taħriġ ta' SAGE Accounting Line 50. PGCE ikun ta' vantaġġ.

Ifornu Informazzjoni dwar l-*Accounts* għall-*Management Control:*
Kwalifiki meħtieġa: Ikunu gradwati fil-B.Com. li jkunu speċjalizzaw fl-*Accounts* BA (Hons.) Accountancy, B. Accty. (Hons.), ACCA jew gradwati fil-MIA. PGCE ikun ta' vantaġġ.

L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw u jaħdmu ma' studenti maturi. Kandidati li jintgħażlu jistgħu jkunu meħtieġa li jaqdu dmirijiet matul il-ħinijiet normali tal-Kulleġġ, wara l-ħinijiet normali u/jew Sibtijiet fil-għodu. Ikunu impjegati fuq bażi ta' kuntratt definit *part-time* li jintemm f'Diċembru 2006.

Persuni interessati għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* jew mill-uffiċċju tar-Riżorsi Umani, mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, it-2 ta' Novembru, 2005. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal tar-Riżorsi Umani, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08; www.mcast.edu.mt

It-28 ta' Ottubru, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Part-Time Lecturing Staff - European Social Fund

MCAST is seeking to recruit part-time lecturing staff willing to train adults in the following areas:

Business and Commerce with specific reference to:

General Accounting Procedures:
Qualifications required: B.Com. graduate with Accounts specialisation, BA (Hons.) Accountancy, B.Accty. (Hons.), ACCA or MIA graduate. PGCE will be an asset.

Working with Computerised Accounts:
Qualifications required: BA (Hons.) Accountancy, B. Accty. (Hons.) or evidenced experience in Training SAGE Accounting Line 50. PGCE will be an asset.

Supplying Accounting Information for Management Control:
Qualifications required: B.Com. graduate with Accounts specialisation BA (Hons.) Accountancy, B. Accty. (Hons.), ACCA or MIA graduate. PGCE will be an asset.

Applicants should have good communication skills and be capable of working with mature students. Successful candidates may be required to perform duties during normal College hours, after College hours and/or on Saturday mornings. They will be employed on a part-time definite contract basis ending in December 2006.

Interested persons should submit the MCAST Application Form, available online and from the Human Resources office, by not later than Wenesday, 2nd November 2005. Late applications will not be considered. Applications are to be addressed to the Human Resources Officer, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08; www.mcast.edu.mt

28th October, 2005

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett Ko-Finanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006,
Projects Part-Financed by the European Union
European Social Fund (ESF)

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistenti Bibljotekarji (Permess ta' l-ETC Nru. 122/2005).

Min jinħatar ikun meħtieġ *information needs analysis*, jagħżel u jakkwista l-materjal adattat, jipproċessa l-informazzjoni, jgħin direttament u jissorvelja lil dawk li jużaw il-librerija u l-i*staff* u jgħin biex jistabbilixxi *standards* ta' kwalità fil-bibljoteka.

Il-post ta' Assistent Bibljotekarju huwa wieħed professjonali u jinħtieġ detentur tal-post li jkun librar kwalifikat, li jkollu ta' l-anqas *Diploma in Library and Information Studies* mill-Università ta' Malta jew ekwivalenti. Dawk li jkollhom *degree* fil-*Library Studies* jew *degree* f'kull suġġett u *Diploma in Library and Information Studies* ikunu ppreferuti. Studenti miktuba fis-sena finali tal-kors tad-DLIS jikkwalifikaw biex japplikaw.

L-applikanti għandhom ikunu jafu l-*IT* (*ECDL* bħala minimu) u jkunu meħtieġa li jkunu aġġornati ma' l-iżviluppi ta' l-*IT* fil-Librerija billi jattendu korsijiet kif meħtieġ. Min ikollu dal-post ikun meħtieġ li jkun kapaċi jmur tajjeb personalment ma' l-oħrajn u jkun jikkomunika tajjeb u għandu jkun lest li jgħin lil dawk li jużaw il-librerija fil-ħtiġiet tagħhom bħala prijorità.

Applikazzjonijiet *part-time* ikunu wkoll ikkunsidrati. L-applikanti għandhom jindikaw b'mod ċar il-preferenza tagħhom għal pożizzjoni *full-tim*e jew *part-time*, jew l-interess tagħhom fiż-żewġ għażliet.

Persuni interessati għandhom jibagħtu l-formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* jew mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, l-10 ta' Novembru, 2005. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-indirizz: MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08.

It-28 ta' Ottubru, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for the post of Assistant Librarians (ETC Permit No. 122/2005).

The appointees will be required to carry out information needs analysis, select and acquire appropriate material, process information, directly support and supervise library users and staff and assist in the establishment of library quality standards.

The post of Assistant Librarian is a professional one and requires the post holder to be a qualified librarian, having as a minimum a Diploma in Library and Information Studies from the University of Malta or equivalent. Holders of a degree in Library Studies or a degree in any subject and a Diploma in Library and Information Studies will be preferred. Students enrolled in the final year of the DLIS course qualify for application.

Applicants should be IT literate (ECDL as a minimum) and will be expected to keep up-to-date with IT Library developments through attending courses as required. Post holders are required to have good interpersonal and communication skills and must be willing to assist library users in all their needs as a priority.

Part-time applications will also be considered. Applicants should clearly indicate their preference for a full-time or for a part-time position, or their interest in both options.

Interested persons should submit the MCAST Application Form, available online and from the Human Resources Office, Paola, by not later than noon of Thursday, 10th November, 2005. Late applications will not be considered. Further information may be obtained from: MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08.

28th October, 2005

EUROPEAN UNION

The European Aviation Safety Agency of the European Union

Vacancy Notices

The European Aviation Safety Agency (EASA) is seeking applications for the following positions:

1. EASA/AST/2006/001 Communications Assistant
Closing date: 21/11/2005
The successful candidate will be recruited in the grade B*3

2. EASA/AD/2005/070 Standardisation Team Leader
Closing date: 1/12/2005
The successful candidate will be recruited in the grade A*7 - A*9, depending on the years of professional experience previously acquired.

3. EASA/AST/2005/072 Administrative Assistants (Certification Approvals)
Closing date: 13/11/2005
The successful candidate will be recruited in the grade B*3 - B*4 depending on the years of professional experience previously acquired.

All the information concerning these vacancy notices such as the job description, qualifications and experience required, eligibility and selection criteria, and the application procedure may be viewed on the EASA website www.easa.eu.int section "Career Opportunities".

The successful candidates will be offered a Temporary Staff contract for a 5-year period, which may be renewed, in terms of Article 2 (a) for Temporary Agents of the Conditions of Employment of Other Servants of the European Communities. For applications to be valid, candidates must submit in a single A4-sized envelope one (1) original and four (4) copies of all of the following documents:

- a completed EASA application form (available on website: http://www.easa.eu.int/career_opp_en.html

- a motivation letter of no more that one page, explaining why the candidate is interested in the post and what would be her/his added value to the Agency if selected.

Applications must be sent by registered post, the postmark serving as proof of the date of dispatch to the following address:

European Aviation Safety Agency
Human Resources – Recruitment Sector
Ref.: (quote reference)
Postfach 10 12 53
D-50452 Cologne, Germany.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

28th October, 2005

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Postijiet fl-Edukazzjoni Ambjentali
(Fakultà ta' l-Edukazzjoni)

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għal żewġ postijiet *full-time* fl-Edukazzjoni Ambjentali, fis-*Centre for Environmental Education and Research (CEER),* tad-Dipartiment tal-Matematika, Xjenza u Edukazzjoni Teknika, fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

2. Il-kandidati jrid ikollhom għall-inqas *Masters* fl-Edukazzjoni Ambjentali. Il-kandidati jrid ikollhom ukoll kwalifiki rilevanti fit-tagħlim u esperjenza sustanzjali fis-settur non-formali u/jew informali ta' l-edukazzjoni ambjentali.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Professur Assoċjat, Lettur Anzjan jew Lettur, jekk il-kandidati jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji għall-ħatra f'dawn il-gradi. F'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, kandidat jista' jiġi kkunsidrat għall-ħatra ta' Professur. Madankollu, ħatra fil-grad ta' Assistent Lettur tista' tiġi offruta bil-possibbiltà ta' opportunitajiet għal aktar studju u għal promozzjoni.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:-

Professur Assoċjat - Lm11,175
Lettur Anzjan - Lm10,171
Lettur - Lm8,536 li jiżdied b'*increments* ta' Lm 200 fis-sena għal Lm9,136.
Assistent Lettur - Lm7,363 li jiżdied b'*increments* ta' Lm 200 fis-sena għal Lm7,963.
Jekk ikollu *Master's degree:* Lm7,799 li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 fis-sena għal Lm8,399.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tlett ismijiet u indirizzi ta' *referees* lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi, l-Università ta' Malta, l-Imsida MSD 06 sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Novembru 2005. L-applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

It-28 ta' Ottubru, 2005

UNIVERSITY OF MALTA

Posts in Environmental Education
(Centre for Environmental Education and Research)

Applications are invited for two full time posts in Environmental Education, within the Centre for Environmental Education and Research (CEER), at the Department of Maths, Science and Technical Education, Faculty of Education, and as may be required by the University.

2. Candidates should be in possession of at least a Masters Degree in Environmental Education. Candidates should also have relevant teaching qualifications and substantial experience in non-formal and/or informal environmental education.

3. An appointment may be made at the grade of Associate Professor, Senior Lecturer or Lecturer, if there are candidates who satisfy the statutory requirements for appointment at these grades. Only in exceptional circumstances will appointment at the grade of Professor be considered. However an appointment at Assistant Lecturer or Teaching Assistant grade may also be offered, with the provision of opportunities to the appointee for further studies and promotion.

The salaries attached to the respective grades are:-

Associate Professor - Lm11,175
Senior Lecturer - Lm10,171
Lecturer - Lm8,536 rising by annual increments of Lm200 to Lm9,136.
Assistant Lecturer - Lm7,363 rising by annual increments of Lm200 to Lm7,963.
If in possession of a Master's degree: Lm7,799 rising by annual increments of Lm200 to Lm8,399.

4. Candidates should submit their letter of applications, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to the Director of Human Resources, Office of Human Resources, Room 216, Administration Building, University of Malta by noon of Friday, 4th November, 2005. Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of the Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

28th October, 2005

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ma' *Mediterranean Master's Programme in Human Rights and Democratisation*

Inħoloq post vakant fil-*Mediterranean Master's Programme in Human Rights and Democratisation* organizzat mill-Fakultà tal-Liġi. Il-post huwa offrut għal sentejn akkademiċi 2005/2006 u 2006/2007. Il-kuntratt jista' jiġi mġedded jekk ikun fondi għalih.

Il-kandidat jgħin lill-Ko-ordinatur Akkademiku fil-*Mediterranean Master's Programme in Human Rights and Democratisation* fl-amministrazzjoni ta' kuljum ta' dan il-programm akkademiku.

2. L-applikanti jrid jkollhom kwalifika *postgraduate degree* fil-*Mediterranean Master's Programme in Human Rights and Democratisation* jew mill-anqas qegħdin jistennew l-aħħar klassifikazzjoni ta' dan id-*degree*.

3. Is-salarju għal post huwa ta' Lm5,515 b'żidiet ta' Lm161 fis-sena sa massimu ta' Lm6,481.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae* u kopja waħda taċ-ċertifikati lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi, l-Università ta' Malta, l-Imsida MSD 06, sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Novembru, 2005.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi jew mill-*website:* http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

It-28 ta' Ottubru, 2005

UNIVERSITY OF MALTA

Post with the Mediterranean Master's Programme in Human Rights and Democratisation

A vacancy has risen with the Mediterranean Master's Programme in Human Rights and Democratisation organised by the Faculty of Laws. The post is offered for two academic year 2005/2006 and academic year 2006/2007. Renewal of the contract of employment is subject to funds being available.

The appointee will assist the Academic Co-ordinator of the Mediterranean Master's in Human Rights and Democratisation in the day-to-day administration of the said academic programme.

2. Applicants should be in possession of a post graduate degree of the Mediterranean Master's in Human Rights and Democratisation or at least awaiting the final classification of such degree.

3. The post carries a training grant of Lm5,515 rising by annual increments of Lm161 up to a maximum of Lm6,481.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae and one set of copies of their certificates to the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building, University of Malta, Msida MSD 06, by noon of Friday, 4th November, 2005.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of the Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

28th October, 2005

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' *Network Engineer*

Min jinħatar maħtur ikun involut fid-disinn, stallazzjoni, dokumentazzjoni u l-manutenzjoni tan-*network services* ipprovdut miċ-Ċentru għas-Servizz tal-Kompjuter (CSC) u kif ikun meħtieġ mill-Università. Post minnhom huwa mmirat għall-appoġġ ta' attivitajiet ta' tagħlim u riċerka fil-Fakultà ta' l-Inġinerija.

2. Il-kandidat ideali għandu jkollu grad akkademiku tajjeb li jinkludi komponent ewlieni fit-Teknoloġija ta' l-Informatika. Esperjenza relatata fid-disinn u stallazzjoni u manutenzjoni ta' *networks* kbar hija rakkomandata ħafna.

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Network Engineer

The appointee will be involved in the design, installation, documentation and maintenance of network services provided by the Computing Services Centre (CSC), and as may be required by the University. The post is specifically targeted to support the teaching and research activities of the Faculty of Engineering.

2. The ideal candidate should be in possession of a good degree with a major IT component. Relevant experience in design and installation and maintenance of large networks would be highly desirable.

3. Is-salarju marbut mal-post huwa ta' Lm7,067 b'żidiet ta' Lm228 fis-sena sa massimu ta' Lm8,435.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati u tlett ismijiet u indirizzi ta' *referees* lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi, l-Università ta' Malta, l-Imsida MSD 06, sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Novembru, 2005.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

It-28 ta' Ottubru, 2005

3. The salary attached to the post is Lm7,067 rising by annual increments of Lm228 to Lm8,435.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae and one set of copies of their certificates to the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building, University of Malta, Msida MSD 06, by noon of Friday, 4th November, 2005.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of the Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

28th October, 2005

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Assistent Riċerkatur
Istitut tal-Ħarsien tas-Saħħa

Jinħtieġ Assistent Riċerkatur *(full-time* jew *part-time)* fl-Istitut tal-Ħarsien tas-Saħħa u kif ikun meħtieġ mill-Università. Dan il-post huwa għal perjodu inizjali ta' sena, li jista' jiġġedded sena b'sena sa tliet snin, jekk ikun hemm fondi għalih.

2. L-applikanti jridu jkollhom fil-pussess tagħhom kwalifiki akkademiċi relevanti, preferibbilment *first degree* tajjeb fil-*Health Science*, u riċerka u esperjenza teknika. Għarfien tajjeb tal-*SPSS* u *Excel* ikun ikkunsidrat.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' Lm6,663 b'żidiet ta' Lm200 fis-sena sa massimu ta' Lm7,663. Is-salarju ta' post *part-time* ikun stabbilit skond il-kwalifiki u l-esperjenza ta' l-istudent.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati u tlett ismijiet u indirizzi ta' *referees* lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi, l-Università ta' Malta, l-Imsida MSD 06, sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Novembru, 2005.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

It-28 ta' Ottubru, 2005

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Research Assistant
(Institute of Health Care)

A Research Assistant (full-time or part-time) is required to work in the Institute of Health Care and as may be required by the University. This post is for an initial period of one year, renewable year by year up to three years, if funds are available.

2. Applicants should have relevant academic qualifications, preferably a good first degree in Health Science, and research and technical experience. A good working knowledge of SPSS and Excel will be considered an asset.

3. The post carries an annual salary of Lm6,663 rising by annual increments of Lm200 up to a maximum of Lm7,663. The entry point within the scale will depend on the candidate's qualifications and experience.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to the Staff Recruitment and Development Office, Room 216, Administration Building, University of Malta, Msida MSD 06, by noon of Friday, 4th November, 2005.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of the Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

28th October, 2005

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Postgraduate Training Grant
Fakultà ta' l-Inġinerija

L-Università qed toffri *Postgraduate Training Grant* fil-qasam tal-*Modelling of High Air Temperature Combustion*. Min jinħatar ikun mistenni li jmexxi riċerka fuq bażi *full-time* fil-Fakultà ta' l-Inġinerija u kif ikun meħtieġ mill-Università. Il-*grant* ikun offrut għall-bidu għall-perjodu ta' sena, suġġett għall-progress pożittiv. Il-maħtur jingħata opportunità li jagħmel grad fl-M.Phil fl-oqsma msemmija ta' l-istudji.

2. L-applikanti jrid ikollhom grad tajjeb fil-*Mechanical Engineering,* b'esperjenza ta' *Thermodynamics, Fluid Dynamics Heat Transfer* u Kimika u preferibbilment esperjenza fir-riċerka.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' Lm3,600 fis-sena.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae* u kopja waħda taċ-ċertifikati lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi, l-Università ta' Malta, l-Imsida MSD 06, sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Novembru, 2005.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi jew mill-*website:* http://home.um.edu.mt/hr/index2.html jew mingħand Prof. Robert Ghirlando fid-dipartiment tal-*Manufacturing Engineering,* telefon: 2340 2060, *email:*
robert.ghirlando@eng.um.edu.mt.

It-28 ta' Ottubru, 2005

UNIVERSITY OF MALTA

Postgraduate Training Grant
Faculty of Engineering

The University is offering a Postgraduate Training Grant in the area of Modelling of High Air Temperature Combustion. The successful candidate will be required to conduct research on a full-time basis in the Faculty of Engineering and as may be required by the University. The grant will be offered initally for a period of one year subject to sustained positive progress. The candidate will be expected and be given the opportunity to read for an M.Phil degree in the named area of studies.

2. Applicants should have a good first degree in Mechanical Engineering, with knowledge of Thermodynamics, Fluid Dynamics, Heat Transfer and Chemistry and preferably research experience.

3. The post carries a training grant of Lm3,600 per year.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates to the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building, University of Malta, Msida MSD 06, by noon of Friday, 4th November, 2005.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of the Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html. or from Prof. Robert Ghirlando at the Department of Manufacturing Engineering, telephone 2340 2060, email:
robert.ghirlando@um.edu.mt.

28th October, 2005

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Postijiet ta' Assistent Riċerkatur Modelling of Structures and Materials
(Auxetic Materials Modelling Research Group)

Kandidati (fuq bażi *full-time* jew *part-time)* huma meħtieġa biex jaħdmu fuq il-proġett tal-CHISMACOMB (li fondi tagħhom ġejjin mill-*EU Framework Programme 6)* u dmirijiet oħra kif ikun meħtieġ mill-Università. Il-parteċipazzjoni ta' l-Università f'dan il-proġett huwa mexxi mill-*Auxetic Materials Modelling Research Group* fid-Dipartiment tal-Kimika fil-Fakultà tax-Xjenza. Il-postijiet huma inizjalment għal sena, li jista' jiġu mġedda għal aktar żmien jekk ikun fondi, esiġenzi tal-proġett u l-ħidma tal-kandidat.

UNIVERSITY OF MALTA

Research Post/s in Modelling of Structures and Materials
(Auxetic Materials Modelling Research Group)

Appointees (full-time or part-time basis) are required to work on the CHISMACOMB project (funded by EU Framework Programme 6) and other duties as may be required by the University. The participation of the University within the project is run by the Auxetic Materials Modelling Research Group of the Department of Chemistry in the Faculty of Science. Posts are for an initally period of one year, which may be renewed for further periods subject to availability of funds, exigencies of the project and performance of appointee.

2. L-applikanti jridu jkollhom kwalifiki akkademiċi rilevanti u esperjenza fir-riċerka. Il-ħatriet f'dawn il-postijiet isiru jekk ikun hemm kandidati b'kwalifiki xierqa kif ġej:-

Kandidati li għandhom Ph.D.	salarju - Lm8,536
Kandidati li għandhom *degree* fil-*Master's*	salarju - Lm7,799
Kandidati li għandhom *1st Degree*	salarju - Lm7,363

Min jiġi appuntat ikollu l-benefiċċji applikabbli lill-i*staff* akkademiku.

3. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tlett ismijiet u indirizzi ta' *referees* lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi, l-Università ta' Malta, l-Imsida MSD 06 sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Novembru 2005. L-applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

4. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi jew mid-Dipartiment tal-Kimika numru tat-telefon 2340 2774/5 jew mill-*website:*
http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

It-28 ta' Ottubru, 2005

2. Applicants should have relevant academic qualifications and research experience. Appointments for these Research posts will be made if there are suitably qualified candidates as follows:-

Candidates holding a Ph.D	salary - Lm8,536
Candidates holding a Master's Degree	salary - Lm7,799
Candidates holding a 1st Degree	salary - Lm7,363

Appointees will also be eligible for benefits applicable to academic staff.

3. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building, University of Malta, Msida MSD 06 by noon of Friday, 4th November, 2005. Late applications will not be considered.

4. Further information may be obtained from the Office of the Human Resources, Room 216, Administration Building of from the Chemistry Department telephone number 2340 2774/5 or from the website:
http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

28th October, 2005

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Postijiet fil-*Resources and Information and Communications Technology in Education (RICTE)*
(Fakultà ta' l-Edukazzjoni)

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għal post *full-time* fil-*Resources and Information Communications Technology in Education,* fid-Dipartiment tal-Matematika, Xjenza u Edukazzjoni Teknika, fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

2. Il-kandidati jrid ikollhom esperjenza jgħallmu l-użu ta' numru wiesa ta' *ICT applications* bħala riżorsa ta' tagħlim fil-livell ta' *pre-service* u/jew *in-service teacher education.* Il-kandidati jridu jkollhom ukoll esperjenza jiddisinjaw, jiżviluppaw u jagħtu korsijiet fl-*ICT in Education* fil-livell ta' *pre-service* u /jew *in-service teacher education.* Fl-aħħarnett, il-kandidati jrid ikollhom ukoll kwalifiki rikonoxxuta fit-tagħlim u esperjenza relevanti fit-tagħlim.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Professur Assoċjat, Lettur Anzjan jew Lettur, jekk il-kandidati jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji għall-ħatra f'dawn il-gradi. F'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, kandidat jista' jiġi kkunsidrat għall-ħatra ta' Professur. Madankollu, ħatra fil-grad ta' Assistent Lettur tista' tiġi offruta bil-possibiltà ta' opportunitajiet għal aktar studju

UNIVERSITY OF MALTA

Post in Resources and Information and Communications Technology in Education (RICTE)
(Faculty of Education)

Applications are invited for a full time post in Resources in Information and Communications Technology in Education (RICTE) within the Department of Mathematics, Science and Technical Education, Faculty of Education, and as may be required by the University.

2. Candidates must have experience in teaching at the pre-service and/or in-service teacher education levels on how to use a broad range of ICT applications as a teaching and learning resource. Candidates should also have experience in the designing, developing and delivering of ICT in Education courses at the pre-service and/or in-service teacher education levels. Finally, candidates must possess a recognised teaching qualification and have relevant teaching experience.

